MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Appell Civili Numru. 321/2006/1

**Avviz numru 321/2006**

**Studio Moda Limited**

**vs**

**Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited (C22356) u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2006 l-okkju tal-kawza gie korrett ghal Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited (C22356) vs. Studio Moda Limited (C14780)**

Il-Qorti

Rat li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012 ppronuzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors in esami li bih is-sojceta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' tlett elef u hamsa u ghoxrin Lira Maltin tletin centezmu (LM3,025.30) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u nstallata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta u fuq struzzjonijiet taghha stess, u li minkejja nterpellata biex thallas baqghet inadempjenti.*

*Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva, kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta (fol 12 tal-istess atti) u li biha esponiet bir-rispett:*

*Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' rikorrenti mhux dovut stante illi l-prezz miftiehem bejn il-partijiet ghall-appalt inkluzi materjali u s-servizzi) mertu tal-kawza kien ta' LM4396 ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet u datat l-14 ta' Mejju, 2004 (kopja annessa u mmarkata Dok A) liema ammont gie mhallas kollu mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' rikorrenti;*

*Illi inoltre u minghajr pergudizzju ghas-suespost, l-ahhar pagament illi sar mis-socjeta' esponenti lis-socjeta' rikorrneti kien ghas-saldu ta' l-ammont dovut ghall-materjali u s-servizzi in kwistjoni u dan kif indikat fic-cekk relattiv ghal dan il-hlas (kopja annessa u mmarkata Dok B) , liema pagament gie accettat bhala tali mis-socjeta' rikorrenti;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat l-imsemmi dokumenti markati Dok A u Dok B a fol 13 u fol 16 tal-istess atti.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza.*

*Semghet it-trattazzjoni da parti tas-socjeta' attrici (ara fol 69 sa fol 75 ibid).*

*<u>Ikkunsidrat</u>*

*Illi dwar il-punti in esami, s-socjeta' attrici pprovdiet lill <u>Attilio Briffa</u> direttur tal-istess socjeta' u dan (a fol 21, fol 34 u fol 43 et seq ibid) wara li qal f'hiex tinvolvi ruhha l-istess socjeta', spjega li s-socjeta' konvenuta kellha bzonn tarma mahzen sitwat fil-Marsa u dan matul Mejju 2004. Hu stess kien mar fl-imsemmi post u saret stima tax-xoghol involut u dwar dan kien intlahaq <u>ftehim bil-miktub</u> fid-data tal-14 ta' Mejju, 2004. Dan gie esebit mix-xhud u jinsab a fol 37 et seq ibid. Skont l-istess ftehim, il-valur u prezz totali tax-xoghol involut kien erbat elef, tlett mija sitta u disghin liri Maltin (LM4396). Wara madwar tlett/erba' gimghat ix-xoghol kollu gie konsenjat u ma sara ebda lment dwar il-kwalita' tieghu, jew dwar il-materjali ("items") kif konsenjati hlief li saru xi alterazzjonijiet deskritti mix-xhud bhala "...affarijiet zghar". Pero gara li meta s-"supplier" tas-socjeta' attrici kien baghat il-kont ta' materjal konsenjat lis-socjeta' attrici, x-xhud qal li "...kellna nhallsu aktar lis-"supplier" u dan aktar mill-prezz miftiehem mas-socjeta konvenuta". Dan kien gara meta "...konna diga nstallajna l-oggetti". Ghalhekk ix-xhud kien ivverifika "item item" il-"quotations" skont il-ftehim milhuq mas-socjeta' konvenuta. Hawnhekk saret riferenza ghat-tielet (3) faccata tal-istess ftehim (fol 39 kif "highlighted") fejn hemm "quotation flooring" dwar dan l-"item", is-segretarja tieghu kienet ghamlet <u>zball</u> billi "...minflok ghamlet multiplikazzjoni ta' dawn iz-zewg figuri (cjoe 460 metru bir-rata ta' Lm8.70 ghal kull metru) ghamlet addizzjoni". Dan kien l-uniku zball u filfatt hu l-ammont mitlub fir-rikors promotur. Ghalhekk hu kien tkellem mas-socjeta' konvenuta izda il-proposta kif maghmula minnu ma gietx accettata. Difatti din kienet ghamlet il-pagament kollu a bazi tal-"quotation" originali izda ad eskluzjoni tal-izball msemmi.*

*In <u>kontroezami</u> hu ammetta li meta sar il-hlas permezz ta' "cheques" da parti tas-socjeta' konvenuta, kien hemm specifikat "in full and final settlement" (ara wkoll ix-xhieda ta' <u>Alexia Borg Cardona issa Psaila</u> a fol 54 u fol 67 ibid).*

*<u>Ikkunsidrat</u>*

*Illi <u>Mark Borg</u> (fol 45 et seq ibid) direttur tas-socjeta' konvenuta spjega li l-ftehim imsemmi kien gie negozjat bejnu u Attilio Briffa. Fil-fatt hu kien irceva kopja tal-istess ftehim, kienu gew negozjati xi alterazzjonijiet fih u kien thallas ukoll pagament akkkont ("deposit") ta' LM500. Is-somma globali miftehma kienet ta' LM4,396. In oltre "ma qadniex naraw il-"quotations" individwalment". Sussegwentment fit-3 ta' Settembru, 2005, kien gie effettwat il-pagament finali, permezz ta' "cheque" "in full and final settlement" (ara fol 16 tal-istess atti), liema "cheque" kien gie msarraf. Bejn Ottubru u Jannar kien gie informat minn Attilio Birffa dwar il-kwistjoni in esami ossija l-imsemmi zball izda hu qatt ma kien accetta xi proposta li saret, minn Attilio Briffa jew missier dan. Inoltre hu semma' illi "meta sar dan il-pagament (permezz tal-ahhar "cheque" imsemmi) ... filfatt il-kwistjoni dwar il-pagmaent kienet diga tqajjmet".*

*<u>Ikkunsidrat</u>*

*Illi esaminat l-fatti in esami kif risultanti mill-provi prodotti jidher illi-*

*a. Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li f'dan il-kaz kien sar <u>kalkolu hazin</u> in konnesjoni mal-"quotation" ta' "flooring" fis-sens illi min ghamel il-kalkolu <u>ghamel addizzjoni minflok multiplikazzjoni</u> kif spjega Attilio Briffa.*
*b. Hu minnu wkoll illi l-partijiet kienu ftehmu fuq somma globali li thallset kollha kemm hi.*
*c. Pero jidher wkoll illi, in konnessjoni ma' "item" wiehed cjoe "flooring – 460 metres @8.70 – LM460.70" (fol 14 u fol 39 ibid) jidher evidenti li l-partijiet kienu ftehmu fuq il-"quotation" izda sar <u>kalkolu hazin</u> billi l-<u>kwantita</u> ta' dan l-"item" <u>minflok li giet multiplikata</u> bil-prezz ta' kull "item" saret <u>addizzjoni bejn l-istess kwantita u prezz ghal kull "item".</u>*
*d. Ghalhekk peress li kien sar dan l-izball, evidenti, ir-risultat ghandu jkun li t-talba attrici ghandha tigi kunsidrata bhala gustifikata kemm fuq bazi legali, kemm sabiex jigi*

*evitati arrikkament ingustifikat da parti tas-socjeta' konvenuta a skapitu u ghad-danni ta' dik attrici.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, konsegwentement, ma tistax tigi akkolta t-tezi tas-socjeta' konvenuta illi l-ahhar pagament sar permezz ta' "cheque" li ssarraf kien a saldu ta' kull ammont dovut.*

*Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad dak eccepit mis-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' tlett elef u hamsa u ghoxrin lira tletin centezmu (LM3,025.30) ossia sebat elef, sebgha u erbghin ewro, hames centezmu (€7047.05) bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva datata 6 ta' Settembru, 2005, sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura."*

Rat li s-socjeta' kovenuta Studio Moda Limited hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u qed tinterponi appell minnha quddiem din il-Qorti.

Rat ir-rikors ta' l-Appell tal-istess socjeta' Studio Moda Limited fejn gie premess:-

Illi dan huwa appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet Studio Moda Limited (C 14780) v. Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited (C 22356) u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2006 l-okkju tal-kawza gie korrett ghal Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited (C 22356) vs. Studio Moda Limited (C 14780).

Illi permezz ta' Avviz intavolat mis-socjeta' appellata, l-istess socjeta' talbet sabiex is-socjeta' appellanti tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' tlett elef u hamsa u ghoxrin Lira Maltin tletin centezmu (Lm3,025.30)

rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u nstallata mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta u fuq struzzjonijiet taghha stess, u li minkejja nterpellata biex thallas baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura relattiva, kontra s-socjeta’ konvenuta li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni

Illi fir-risposta taghha is-socjeta’ appellant eccepiet illi l-ammont pretiz mis-socjeta’ rikorrenti mhux dovut stante illi l-prezz miftiehem bejn il-partijiet ghall-appalt inkluzi materjali u s-servizzi) mertu tal-kawza kien ta’ Lm4396 ai termini tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet u datat l-14 ta’ Mejju, 2004 liema ammont gie mhallas kollu mis-socjeta’ esponenti lis-socjeta’ rikorrenti. Gie ukoll eccepit illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ahhar pagament illi sar mis-socjeta’ esponenti lis-socjeta’ rikorrenti kien ghas-saldu ta’ l-ammont dovut ghall-materjali u s-servizzi in kwistjoni u dan kif indikat fic-cekk relattiv ghal dan il-hlas, liema pagament gie accettat bhala tali mis-socjeta’ rikorrenti.

Illi permezz ta’ sentenza datata 3 ta’ Ottubru 2012, il-Qorti iddikjarat li ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li f’dan il-kaz kien sar kalkolu hazin in konnessjoni mal-“quotation” ta’ “flooring” fis-sens illi min ghamel il-kalkolu ghamel addizzjoni minflok multiplikazzjoni kif spjega Attilio Briffa. Il-Qorti iddikjarat ukoll illi hu minnu wkoll illi l-partijiet kienu ftehmu fuq somma globali li thallset kollha kemm hi pero jidher wkoll illi, in konnessjoni ma’ “item” wiehed cjoe “flooring – 460 metres @8.70 – LM460.70” (fol 14 u fol 39 ibid) jidher evidenti li l-partijiet kienu ftehmu fuq il-“quotation” izda sar kalkolu hazin billi l-kwantita ta’ dan l-“item” minflok li giet multiplikata bil-prezz ta’ kull “item” saret addizzjoni bejn l-istess kwantita u prezz ghal kull “item”. Il-Qorti kkunsidrat illi ghalhekk, peress li kien sar dan l-izball, evidenti, irrisultat ghandu jkun li t-talba attrici ghandha tigi kunsidrata bhala gustifikata kemm fuq bazi legali, kemm sabiex jigi evitati arrikkament ingustifikat da parti tas-socjeta’ konvenuta a skapitu u ghad-danni ta’ dik attrici. Ghaldaqstant l-Ewwel Qorti iddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiert tas-socjeta’ appellanti filwaqt li laqghet it-talbiet tas-socjeta’ attrici appellata u kkundannat lis-

socjeta' konvneuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' tlett elef u hamsa u ghoxrin lira tletin centezmu (Lm3,025.30) ossia sebat elef, sebgha u erbghin ewro, hames centezmu (€7047.05) bl-imghax legali mid-data tal-fattur relattiva datata 6 ta' Settembru, 2005, sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

Illi is-socjeta' appellanti hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza li minnha qeghdha tinterponi dan l-umli appell.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Applikazzjoni hazina tal-principju legali ta' "pagament ghas-saldu"
2. Assenza totali ta' kunsiderazzjoni tal-*bona fede* tas-socjeta' appellanti
3. Decizjoni ibbazata fuq arrikkiment indebitu f'kawza intavolata a bazi ta' relazzjoni kuntrattwali

## 1. L-Ewwel Aggravju - Applikazzjoni hazina tal-principju legali ta' "pagament ghas-saldu"

Illi l-Ewwel Qorti ordnat lis-socjeta' appellanti thallas id-differenza kif mitluba fil-prezz ta'oggetti mibjugha u kkunsinjati mis-socjeta' appellata a favur is-socjeta' appellanit u dan nonostante l-fatt li l-hlas skond il-kuntratt kien sar kollu permezz ta' cekk li kien jindika li l-hlas kien sar ***in full and final settlement***.

Illi ma hemm l-ebda dubbju li c-*cheque* li ntbghat mis-socjeta' konvenuta appellanti issarraf mis-socjeta' attrici dan jirrizulta kemm ghax gie ddikjarat mill-avukat difensur tas-socjeta' attrici, mix-xhud Attilio Briffa kif ukoll ikkorraborat minn kopja ta' l-istess cekk – fatt rikonoxxjut mill-Ewwel Qorti. Kwindi jekk is-socjeta' attrici kellha pretensjonijiet ohra ma kellhiex issarraf ic-cheque mibghut mis-socjeta' konvenuta.

Illi skond is-socjeta' attrici appellata (Fol. 35): "*il-kliem fil-fehema tieghi in full and final settlement jifhmu*

*testwalment li l-kont huwa settiljat, pero' jekk ma nkunux qbilna mieghu, ahna ninfurmaw lill-klijent dwar il-bilanc dovut*." Illi din hija interpretazzjoni ghal kollox zbaljata meta mqabbla mal-pozizzjoni li hadu l-Qrati taghna tul is-snin.

Illi l-Ewwel Qorti stess irrikonoxxiet (a fol. 3 tas-sentenza) illi: "*in kontroezami huwa (Briffa) ammetta li meta sar il-hlas permezz ta' "cheques" da parti tas-socjeta' konvenuta (appellant), kien hemm specifikat "in full and final settlement*"

Illi l-Ewwel Qorti marret ukoll pass oltre u rrikonoxxiet il-fatt illi: "*meta sar dan il-pagament (in full and final settlement) (permezz ta' l-ahhar cekk imsemmi)… fil-fatt il-kwistjoni dwar l-pagament kienet diga tqajjmet*"

Illi ghalhekk il-Qorti irrikonoxxiet illi nonstante xi dubbju da parti tas-docjeta' appellata, **xorta wahda din ta' l-ahhar sarrfet ic-cekk**.

Illi kif inhuwa ben risaput taht il-ligi taghna, pagament a saldu jestingwi kwalsiasi pretensjoni ohra kontra l-persuna li qed taghmel il-hlas.
Illi kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell dversi drabi: "*il-pagament ma giex offert b'xi riserva favur l-appellant li ghalhekk, jekk kellu pretensjonijiet ohra oltre dak li kien qed jigi offert lilu* ***ma kellux isarraf ic-cheque li baghtlu l-konvenut nomine.***"

Illi din il-pozizzjoni hija ben assodata fil-gurisprudenza nostrana ghaliex kif gie kostentement ritenut: **"*Din il-pozizzjoni diga' giet ikkunsidrata diversi drabi mill-Qrati taghna u l-gurisprudenza preponderanti f'kwistjonijiet simili hija illi jekk il-kreditur jaccetta pagament mibghut lilu ghas-saldu ikun qieghed jikkonferma illi b'dak il-pagament ikun inqatel id-dejn u ma jistax jippretendi huwa li jkun baqaghlu kreditu ghall-bilanc*". (Francis Penza v. John Mallia - Qorti ta' l-Appell Suprjuri – 06.05.91; Raymond Bonnici noe v. Horace Tonna' - Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta'**

**April 1992; St. George's Park Company Limited v. Eric Pace Bonello noe -12.01.01)**

Illi bir-rispett, l-Ewwel Qorti ghazlet li tinjora ghal kollox l-insenjament tal-Qrati taghna tul is-snin u fuq din il-bazi, is-sentenza kif dedotta ghandha tigi revokata .

**<u>2. IT-TIENI AGGRAVJU - ASSENZA TOTALI TA' KUNSIDERAZZJONI TAL-*BONA FEDE* TAS-SOCJETA' APPELLANTI</u>**

Illi kif ikkonferma d-direttur tas-socjeta' attrici appellata, l-Quotation ezebita mis-socjeta' appellanti mmarkata Dok. A kienet effettivament il-kuntratt li jirrfletti l-ftehim mertu tal-kaz.

Illi l-ammont ossia l-prezz indkat fid-dokument jikkostitwixxi ligi bejn il-partijiet u jirregola l-obbligi u d-drittijiet bejn il-partijiet (*pacta sunt servanda)*.

**Illi kif ikkonfermat minn Mark Borg u adirittura mid-direttur tas-socjeta' appellata (Testimonjanza ta' Attilio Briffa 03.10.07):**

**"Ghas-Sur Borg nghid jien l-importanti ghalih kien il-prodott, il-prezz…"**

Illi in piu', kif ammess minn Attilio Briffa, kien huwa stess li ltaqa' diversi drabi ma' l-appellant sabiex jiehu l-kejl u kien involut b'mod estensiv tant illi huwa kien iltaqa' diversi drabi ma' Mark Borg u mhux biss ftehmu fuq il-prezz it-termini ta' hlas izda sahansitra kien tah skont wara li hareg il-prezz originarjament indikat fuq il-Quotation.

Illi ghalhekk mhuwhiex diskuss illi l-intenzjoni tal-partijiet ma' l-iffirmar tal-ftehim kien illi l-appalt jinghata bil-prezz ta' Euro 10,239.92. hekk ukoll, il-ftehim kien dwar appalt u ghalhekk kien il-prezz globali finali u mhux l-oggetti individwalment, li kienu ta' importanza massima.

Illi in piu' Briffa ghalhekk kellu opportunitjiet ampji sabiex jgharbel id-dettalji tal-Quotation:

(i) Qabel ma jigi ffirmat il-ftehim jew

(ii) Qabel ma jaccetta hlas jew
(iii) Qabel ma jikkonsenja ix-xoghol jew sahansitra
(iv) Qabel ma jwahhal ix-xoghol.

**Illi dan certament kien iwassal ghal negozjati godda dwar it-termini tal-ftehim u adirittura, kif ikkonfermat mid-direttur tas-socjeta' appellanti, rifjut illi jsir negozju b'dak il-prezz stante l-eccessivita' ta' l-istess.**

**Illi bi zvista u bi traskuragni da parti tas-socjeta' appellata, is-socjeta' appellanti giet pretiza thallas ghal ammont ferm akbar (kwazi irdoppjat) wara li gie konkluz ftehim a bazi ta' prezz iehor. Tali zball, li sar bi zvista u traskuragni da parti tas-socjeta' appellata gie sollevat BISS wara li x-xoghol kien wehel – u cioe' meta kien jaf illi s-socjeta' appellanti ma kenitx f'pozizzjoni illi trodd l-oggetti lura u tirrexxindi l-kuntratt. Kif ikkonfermat minn Attilio Briffa ghas-socjeta' appellata (Fol. 36 tal-process):**

**"Fil fatt meta ndunajt b'dan l-izball ix-xoghol kien diga stallat kollu"**

Illi s-socjeta' appellanti ikkonkludiet il-ftehim a bazi ta' prezz u fuq din il-bazi biss ghazlet li tikkonkludi l-ftehim. Fl-ebda mument ma' ndunat li kien hemm zball izda certament illi jekk is-socjeta' appellanti kienet minimament konsapevoli illi l-prezz kien ser ikun id-doppju ta' dak miftiehem jew kellha xi indikazzjoni illi l-prezz kien kwazi doppju, zgur li ma kenitx tikkonkludi l-kuntratt mas-socjeta' appellata u kienet taghzel fornitur iehor. Kif ikkonferma Mark Borg (Fol. 45- Fol. 46): "*In rigward quotations ohra kelli zewg quotations li kienu orhos waqt li kelli quotation ohra li kienet aktar gholja. Bhala kwalita' kienu tista' tghid l-istess.… spjegajtlu wkoll li kieku kien dak il-prezz li kien qed jippretendi s-Sur Briffa, jiena kont naghzel xi quotation ohra."*

Illi jigi sottolineat ukoll li ma huwhiex car meta effettivament gie kkomunikat dan l-izball. Li huwa cert huwa illi l-izball gie rilevat:

(i) **qabel ma ssarraf ic-cekk ghas-saldu**
(ii) **Wara li x-xoghol kien gie kollu instalat**
(iii) **l-ittra ufficjali inbaghtet madwar hdax il-xahar wara li gie msarraf ic-cekk in full and final settlement**.

**Illi ma sar l-ebda accenn ghal mala fede da parti tas-socjeta' appellant u il-fatt ma kien hemm l-ebda mala fede.**

**Illi l-ewwel Qorti irrikonoxxiet illi l-izball kien wiehed ta' kalkolu hazin purament da parti tas-socjeta' appellata u ma giet imsemmijja jew accennata l-ebda mala fede da parti tas-socjeta' appellanti. Fil-fatt id-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti hija marbuta mal-principju ta' arrikkiment indebitu.**

**Illi bir-ragjonamemt taghha, l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox il-principju sancit fil-gurisprudenza taghna li jiddetta illi** jekk persuna in bona fide irregolat in-negozju taghha fuq il-premessa li l-prezz ikun tassew dak li qed jidher, m'ghandhiex f'daqqa wahda tkun imgeghla thallas somma pjuttost konsiderevoli li minhabba zball ta' min qed jippretendi l-hlas, ma setghetx tahseb ghaliha waqt li kienet ghadha qed tmexxi n-negozju. (***Carmelo Ciangura v. George Borg nomine – Prim'Awla tal-Qorti Civili 27.11.1998; Bathroom Design Limited v. Enemalta Corporation u Water Services Corporation – Qorti ta' l-Appell Superjuri - 03.12.06***)

Illi l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-pozizzjoni gurisprudenzjali tas-sistema legali taghna u bid-decizjoni taghha, wasslet ghall-konkluzjoni illi huwa gust u ekwu li persuna fin-negozju ghandha tkun kostretta thallas id-doppju tal-prezz miftiehem u pattwit jekk il-parti l-ohra tinduna li tkun ghamlet zball fi stadju meta il-kuntratt gie ikkunsmat u ma jistax jitregga lura. Decizjoni li, bir-rispett, tohloq precedent perikoluz.

### 3. IT-TIELET AGGRAVJU - DECIZJONI IBBAZATA FUQ ARRIKKIMENT INDEBITU F'KAWZA INTAVOLATA A BAZI TA' RELAZZJONI KUNTRATTWALI

Illi t-talba tas-socjeta’ appellata kif dedotta huma bbazati fuq ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet. Ghalhekk, l-origini u l-fatt guridiku li jiddefinixxi l-kawza odjerna huwa wiehed **kuntrattwali**.

Illi nonostante dan, l-Ewwel Qorti injorat dan il-fatt u nonostante ir-rikonoxximent ta’ relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u dizgwid proprju fuq element essenzjali tal-kuntratt (u cioe’ il-prezz), il-Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha fuq il-principju ta’ arrikkiment indebitu.

Illi kif inhuwa ben risaput u kif gie spiss ritenut mill-Qrati taghna:

“*l’ actio de in rem verso è un mezzo speciale, particolare, sussidiario che si accorda in mancanza di altra tutela quando al danneggiato non compete altro rimedio dipendente da contratto o quasi contratto” (Aubry et Rau, Vol. VI para.*
*578).*

Illi kif iddikjarat kostentement mill-Qrati taghna (**Blye Engineering Co. Ltd. v. Victor Balzan – Qorti ta’ l-Appell Inferjuri - 23.06.04**):

“*Huwa notorjament ricevut fid-dottrina illi l-azzjoni ta’ l-arrikkament indebitu mhijiex proponibbli meta l-kreditur danneggjat seta’ jezercita azzjoni ohra biex jgi indennizzat ghall-pregudizzju soffert. Difatti hu maghruf illi l-azzjoni “de in rem verso” ghandha karattru sussidjarju. Din issussidjarjeta` tal-azzjoni hi ntiza fis-sens li hu bizzejjed biex tigi eskluza l-proponibilita` taghha l-fatt tal-possibilita` ta’ azzjoni diversa. Dan indipendentment mill-konsiderazzjoni jekk din l-azzjoni diversa tistax twassal ghal rizultat utli. Skond it-***Trabucchi** *(“Arrichimento”) lazzjoni ta’ l-arrikkament hi inammissibbli anke meta l-azzjoni diversa tkun saret improponibbli jew esperita inutilment. Biex jista’ jkun xort’ohra u l-azzjoni ‘de qua’ tkun tista’ ssir ‘in via subordinata’ jrid jirrizulta li fil-kawza l-ohra d-domanda tkun giet michuda minhabba l-karenza “ab origine” tal-azzjoni “ex contractu*”.

Fir-rigward tal-konsiderazzjoni premessa l-gurisprudenza taghna tidher li hi wahda konkordi u pacifika.L-azzjoni de in rem verso hija esperibbli biss meta mhiex esperibbli l-azzjoni “ex contractu”,

Illi jigi sottolineat illi l-kawza kif proposta hija bbazata fuq relazzjoni kuntrattwali u kif proposta, ma tistax tigi interpretata u wisq anqas ikkunsidrata bhala action de in rem verso.

Illi sekondarjament, in vista’ tar-relazzjoni kuntrattwali u in vista tal-fatt illi l-azzjoni ha msejjsa fuq ir-relazjoni kuntrattwali u allegata inadempjenza kuntrattwali bejn il-kontendenti, ma setghet qatt l-Ewwel Qorti tasal ghal gudizzju fuq azzjoni inapplikabbli u cioe’ dik ta’ l-*actio de in rem verso* u dan bi pregudizzju ghas-socjeta’ appellant li tul ir-relazzjoni kuntrattwali, dejjem agixxiet in buona fede.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta’ appellanti qed jitlob li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza datata t-3 ta’ Ottubru 2012 billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta' appellanti u tichad it-talbiet tas-socjeta’ appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata.

**Rat ir-risposta tas-socjeta’ appellata fejn gie sottomess:-**

Illi s-sentenza appellata hija ekwa u gusta u timmerita konferma minn Dina l-Onorabbli Qorti. Illi b’umilta’ jigi sottomess illi dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha tasal ghall-konkluzjoni illi s-sentenza tal-ewwel istanza m’ghandhiex tigi disturbata stante illi hija korretta fl-apprezzament tal-fatti fil-kuntest tal-ligi u tal-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna.

1) L-EWWEL U T-TIENI AGGRAVJU

Illi s-socjeta’ appellanti qed tippernja t-tezi taghha fuq il-fatt illi semplicement ghax kitbet fuq in-naha ta’ wara tac-cekk datat 3 ta’ Settembru 2005, il-kliem *‘in full and final*

*settlement',* allura hija awtomatikament ezonorata mill-obbligi ta' hlas versu s-socjeta' appellata.

Illi mill-provi jirrizulta li xi gimghatejn wara li s-socjeta' appellata (CRC Ltd) skopriet id-diskrepanza fl-ammont li hija kellha thallas lill-fornitrici taghha u dak li kellha tigbor minghand il-klijent taghha, u cioe', Studio Moda Limited, mill-ewwel gibdet l-attenzjoni ta' Mark Borg, Direttur ta' Studio Moda. Sa dan l-istadju kien biss thallas id-depositu, u Attilio Briffa ghan-nom ta' CRC Lts offra li minkejja li x-xoghol konsistenti f'parquet, kien diga nstallat, huwa jaqilhu u jiehdu lura, kif ukoll jrodd lura d-depositu mhallas. Ir-risposta ta' Studio Moda kienet biss, li issa z-zball kien sar, kwindi ma accettawx il-proposta ta' Attilio Briffa, u zammew il-materjal.

Huwa f'dan il-kuntest illi jrid jinghad illi minkejja illi din il-problema ma gietx rizolta, Studio Moda baqghet thallas pagamenti akkont tal-prezz miftiehem ghall-materjal supplit u ghax-xogholijiet rezi skond il-ftehim li kellhom il-kontendenti, li kien jikkonsiosti f'diversi xogholijiet u materjal, oltre dak tal-*flooring* mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi minkejja illi Studio Moda kienet ben konsapevoli tal-fatt illi CRC Ltd kienet qed titlob bilanc ulterjuri fuq il-prezz tal-*flooring* liema bilanc kien qed jigi kontestat minn Studio Moda; rizultanti mill-*quotation* relativ, u ai termini tar-rata elenkata fl-istess[1], fit-3 ta' Settembru 2005 harget cekk ghall-bilanc illi fil-fehma taghha kellu jkun '*in full and final settlement'*.

Illi kif xehed Attilio Briffa[2] s-socjeta' minnu rapprsestata tircievi kwantita' ta' cekkijiet kuljum, illi jaslu ghand is-segretarji, illi da parti taghhom jaqbdu u jiddepositawhom il-Bank. <u>Briffa jaghmilha cara illi huwa qatt ma ra c-cekk fuq citat</u>, u ghaldaqstant ma jistax jitqies illi hu, ghan-nom tas-socjeta' appellata, gie offrut tali pagament u li kien accetta l-hlas ghas-saldu.

---

[1] Ir-rata stabbilita u miftehma fuqha kienet ta' 460 MT " LM8.70.

[2] 3 ta' Ottubru 2007

Illi bir-rispett kollu l-attitudni adottata minn Studio Moda, fi stadju meta kienet gharrfet li kien hemm zball, li kien genwin, u li setghet tigi identifikata billi tara l-*quotation*, b'rati illi hija stess kienet innegozjat u accettat, jirrifletti biss il-element ta' mala fede da parti tas-socjeta' appellanti.

<u>Illi s-socjeta' Studio Moda Limited kienet taf illi 460 metru *flooring* bi Lm8.70 il-metru ma jammontax ghal Lm468.70, pero, jidher li hasset li ghandha tibbenefika minn dan l-izball. Il-fatt jibqa' illi l-appellanti ffirmat il-ftehim fejn gie stabbilit illi l-prezz ta' 46o metru kellu jkun ta' Lm8.70 il-metru. Dan il-fatt biss jammonta ghar-rikonoxximent tal-ammont mitlub mis-socjeta' appellata irrispettivament ghal jekk, biz-zball, is-segretarja minflok multiplikazzjoni ghamlet addizzjoni.</u>

Kien jispetta lis-socjeta' appellanti illi tifli kull item fil-ftehim/quotation specjalment meta kienet Studio Moda illi kienet qed tassumi l-hlas ta' tali rati mqabbla bejn il-kontendenti. Ghall-kuntrarju, fix-xiehda tieghu Mark Borg jghid li "ma qadniex naraw il-quotations individwalment". Kemm jekk dan huwa minnu jew le, il-fatt jibqa' illi l-ftehim fuq ir-rati li gew stabbiliti jirrisulta b'mod car. Daqstant huwa car illi l-materjal mibjugh u nstallat qatt ma gie rritornat lil CRC Ltd, nonostante li Attilio Briffa offra jiehu l-*flooring* (minkejja nstallat) lura u jrodd ukoll id-depositu mhallas fuqu. Il-ftehim gie konkluz u ffirmat a bazi ta' dawn ir-rati. Huwa kontradittorju illi l-ewwel is-socjeta' appellanti tiffirma ftehim fejn qed taccetta r-rati tal-*flooring*, u mbaghad appena tiskopri illi kien hemm zball fil-komputazzjoni matematika (diga' miftehma bejn il-partijiet) konvenjetement tregga lura tghid illi l-pagament kien qed isir ghas-saldu – ammenocche' m'hemmx mala fede da parti tas-socjeta' appellanti.

Illi kien proprju ghalhekk illi korrettement l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi *"ma tistax tigi akkolta t-tezi tas-socjeta konvenuta illi l-ahhar pagament sar permezz ta 'cheque' li ssarraf kien a saldu ta' kull ammont dovut".*

2) IT-TIELET AGGRAVJU

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju, bir-rispett kollu, s-socjeta' appellanti titlaq bil-premessa ghal kollox erroneja, bil-konsegwenza illi l-qafas tal-argumentazzjoni taghha ma jinkwadrax ruhu fil-kuntest tas-sentenza tal-ewwel grad, u kwindi ma jikkostitwix bazi legali gustifikabbli f'din it-tieni istanza.

See page 4 of sentenza....kemm fuq bazi legali....sabiex jigi evitat arrikkiment ingustifikat....not only based on injustified enrichment....as 'tilqa t-talbiet attrici"...ecc ....if arrikkiment ingust manifested itself, the court has all the right to sanction that too once it transpired from atti tal-kawza.

Ghalhekk is-socjeta' appellata qed titlob li tigi konfermata s-sentenza appellata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellanti.

Rat l-atti l-ohra kollha tak-appell kif ukoll l-atti kompliati quddiem l-ewwel Qorti.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2013.

Rat li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Ghal kjarezza jehtieg li jigi sottolineat li l-avviz li ta' bidu lil dawn il-proceduri (Avviz numru 321/2006) gie intavolat mis-socjeta Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited kontra s-socjeta Studio Moda Limited. Il-presenti appell qed isir mis-socjeta' intimata Studio Moda Limited.

Dan hu appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru 2012. Fl-istess rikors promotur is-socjeta' appellata Creative Refurbishing Centre (Malta) Limited kienet talbet li s-socjeta' appellanti tigi kkundannata thallasha s-somma bilancjali ta' tlett elef u hamsa u ghoxrin Lira Maltin u tletin centezmu (Lm3025.30) bilanc

ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u nstallata mis-socjeta' appellata u fuq struzzjonijiet tas-saocjeta' appellanti.

Is-socjeta' appellanti ghal-imsemmija talba tas-socjeta' appellata eccepit li l-ammont pretiz mhux dovut billi l-prezz miftiehem ghall-appalt inkluzi l-materjal u s-servizzi kien ta' Lm4396 skond il-ftehim tal-14 ta' Mejju, 2004 (Dok.A) liema ammont gie kollu mhallas mis-socjeta' appellanti. Gie ukoll eccepit li l-ahhar pagament li sar mis-socjeta' appellanti kien ghas-saldu tal-ammont kollu dovut kif indikat fic-cekk relattiv (Dok.B) u liema pagament gie accettat mis-socjeta' appellata.

Bl-imsemmija sentenza (sentenza appellata) tat-3 ta' Ottubru 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (l-ewwel Qorti) ddecidiet il-kawza billi cahdet dak li gie eccepit mis-socjeta' appellanti u billi laqghat it-talbiet kollha attrici. L-ewwel Qorti ordnat ukoll lis-socjeta appellanti thallas l-imghax kif mitlub kif ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza.

Is-socjeta' konvenuta appellanti Studio Moda Limited interponiet dan l-appell quddiem din il-Qorti. Fir-rikors tal-appell is-socjeta' appellanti rrilevat li fl-imsemmija sentenza appellata l-ewwel Qorti iddikjarat li kien sar kalkolu hazin in konnessjoni mal-“quotation” ta' “flooring” fis-sens li minnflok saret multiplikazzjoni saret addizzjoni. L-appellanti inoltre rrilevaw li l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward kompliet tikkjarifika li kienet konsapevoli mill-fatt li l-partijiet kienu ftehmu fuq somma globali li in effett thallset kollha pero' kien sar l-imsemmi zball fil-kalkolu billi in konnessjoni mal-“flooring” l-kwantita' minflok ma giet multiplikata bil-prezz ghar-rigward ta' kull “item”, saret addizzjoni bejn l-istess kwantita u l-prezz ghal kull “item”. Ghalhekk l-ewwel Qorti kkonkludiet li t-talba tas-socjeta' appellata kienet gustifikata kemm legalment kif ukoll sabiex jigi evitat l-arrikkiment indebitu jew ingustifikat da parti tas-socjeta' appellanti ghad-danni ta' dik appellata. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti wasslet ghall-imsemmija konkluzjonijiet.

L-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti tallega li l-ewwel Qorti applikat b'mod skorrett il-principju legali ta'

“pagament ghas-saldu.” Fit-tieni lok is-socjeta’ apppellanti ssostni li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx li l-*bona fede* taghha fil-fatti mertu ta’dawn il-proceduri u fl-ahhar s-socjeta’ appellanti tissottometti li l-ewwel Qorti ma kelliex tibbaza s-sentenza appellata fuq l-arrikkiment indebitu meta din il-kawza hi bbazata fuq relazzjoni kuntrattwali. F’kaz li  jigi akkolt l-appell a bazi tal-ewwel aggravju ma jkunx hemm bzonn li jigu trattati u decizi l-aggravji l-ohra tas-socjeta’ appellanti.

Fir-rigward tal-imsemmi l-ewwel aggravju, s-socjeta’ appellanti tissottometti l-ewwel Qorti ma kelliex tilqa t-talba tas-socjeta’ appellata ghall-kundanna ghall-hlas stante li jirrizulta li l-ahhar pagament sar permezz ta’ cekk li kien jindika li l-hlas kien qed isir “in full and final settlement.” Dan il-fatt jirrizulta mill-provi kif ukoll jirrizulta li l-istess cheque gie accettat u msarraf mis-socjeta’ appellata. Din il-Qorti hi tal-opinjoni li pagament “ghas-saldu” u li jigi accettat minn min qed jircievi l-pagament, ihassar kwalunkwe pretensjoni ohra li r-ricevitur tal-pagament seta kelllu kontra min qed jaghmel il-pagament. F’kaz li l-pagament ikun sar “ghas-saldu” jew “in full and final settlement” ir-ricevitur m’ghandux jaccetta l-pagament jekk hu jhoss li ghandu xi pretensjonijiet ohra. Fil-kaz ta’ hlas permezz ta’ cheque, jekk ic-cheque jissarraf, ikun iffisser li l-pagament gie accettat. Jidher li dan hu principju li gie ben assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. (vide Francis Penza v. John Mallia - Qorti ta’ l-Appell Suprjuri – 06.05.91; Raymond Bonnici noe v. Horace Tonna’ - Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta’ April 1992; St. George’s Park Company Limited v. Eric Pace Bonello noe -12.01.01)

In vista ta’ dak kollu li gie premess is-sentenza appellata jisthoqqilha li tigi revokata u konsegwentement ghandu jigi akkolt dan l-appell stante li l-ahhar pagament sar mis-socjeta appellanti “in full and final settlement” u tali pagament gie accettat mis-socjeta’ appellata. Kwindi lanqas ma hu l-kaz li jigu ezaminati ulterjorment l-aggravji l-ohra tas-socjeta’ appellanti.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tilqa' dan l-appell tas-socjeta' appellanti Studio Moda billi l-ahhar pagament tas-socjeta' appellanti sar ghas-saldu u s-socjeta' appellata accettat l-istess pagament u b'hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru 2012 fl-istess ismijiet premessi u konsegwentement l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta' appellanti qed jigu akkolti u t-talbiet tas-socjeta' appellata qed jigu michuda.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mis-socjeta' appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------